MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 177/2004

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju da parti tal-konvenut, servizzi, minacci, insulti, eccessi, ingurji gravi u abbandun tad-dar konjugali da parti tal-konvenut;

Billi l-partijiet kellhom seduti quddiem il-medjatrici Dr Rachel Mallia LLD, liema sessjonijiet ma waslux ghall-medjazzjoni jew transazzjoni ta’ separazzjoni bonarja;

Jghid l-istess konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex –

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-artikolu 48 (c) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri taghhom D u E jigu fdati f’idejn l-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici u l-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;

5. tapplika kontra l-konvenut internament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti;

7. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament torna lill-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

8. tordna illi d-dar matrimonjali tigi okkupata esklussivament mill-attrici;

9. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat l-affidavits ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob principalment il-firda personali minn mal-konvenut zewgha in bazi ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 sa 41 tal-Kap.16 kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha.

Mill-provi rrizulta nkontestat li l-partijiet kienu zzewgu fis-7 ta' Dicembru 1989 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt it-tfal D u E, it-tnejn minorenni li fiz-zmien tar-redazzjoni ta' l-affidavit ta' l-attrici fit-3 ta' Mejju 2004 kellhom hdax [11]il-sena u tmien [8] snin rispettivament, u li jmorru l-iskola tal-Gvern fil-Hamrun fejn ukoll hi sitwata id-dar matrimonjali numru 243 High Street, Hamrun.

L-attrici tghid li l-konvenut, li kien jahdem bhala kok u kien jinkassa Lm64 netti fil-gimgha, kien qabad il-vizzju tal-loghob bir-rizultat li dana beda jiddejjin u jaghabbi lill-attrici

u lil uliedhom b’ dejn mhux mehtieg jew gustifikat u dan minghajr il-kunsens ta’ l-attrici. Rizultat ta’ dan il-vizzju il-konvenut kien anke biegh it-television, il-magna tal-cappuccino u l-karrozza, mixtrija waqt iz-zwieg, sabiex ihallas id-dejn li kien qed jaghmel. Tghid ukoll li, madwar sena mill-imsemmija data, huwa kien abbundana d-dar konjugali u kien mar jghix ma’ mara ohra li maghha ghandu relazzjoni extra maritali.

L-attrici tghid li t-tfal minuri huma fil-kura u kustodja taghha u, stante li l-konvenut mhux qed jaghtiha ebda manteniment hija kellha tohrog tahdem biex tkun tista’ tghajjex lit-tfal u tmantni lilha nnifisha. Di fatti hija ghandha xoghol part time mac-Centru Hidma Socjali.

Il-Qorti tosserva li l-attrici ma giet bl-ebda mod kontraddetta fil-versjoni taghha, u ghalhekk din il-Qorti qeda taccettaha bhala veritiera. Mill-kwadru premess, jirrizultaw da parti tal-konvenut ir-ragunijiet li ghandhom iwasslu ghall-firda personali kontemplati fl-Artikoli 38, u 41 [stante li fid-data ta’ dan il-gudizzju ghaddew aktar sentejn mill-abbandun], kif ukoll l-Artikolu 40 limitatament ghas-sevizzi, mohqrija u offiza gravi; u ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha bil-mod kif ser jinghad aktar il quddiem.

Illi mill-provi rrizulta li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti: [1] oggetti ta’ l-ghamara essenzjali; [2] television, magna tal-capuccino u l-karrozza Peugeot mehuda mill-konvenut biex jissodisfa dejn maghmul minnu minghajr il-kunsens ta’ l-attrici; u [3] dejn ta’ Lm3,000 mal-HSBC maghmul mill-partijiet. Hemm ukoll l-inkwilinat tad-dar matrimonjali.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:
[1] tilqa’ l-ewwel u t-tieni talbiet u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut; u ghall-finijiet tad-disposizzjoni tal-Art.48[c] tal-Kap.16 tistabbilixxi d-data tat-3 ta’ Mejju 2003 bhala dik li fiha l-konvenut ghandu jitqies hati tal-firda; u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-

konvenut zewgha fid-dar matrimonjali fl-indirizz fuq indikat, u dan ad eskluzjoni ta’ zewgha;

[2] tilqa’ t-tielet talba u tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri D u E f’ idejn l-attrici, b’ dan li l-konvenut missierhom ikollu dritt ta’ access bil-modalita’ segwenti: kull nhar ta’ Tlieta u u l-Hamis mill-5.00 pm sas-6.30 pm u s-Sibt mid-9.00 am sas-1.00 pm, b’ mod li s-sibtijiet u l-hdud jalternaw kull gimgha.  Izda, ma jidhirx li huwa l-kaz li dan l-access ikun taht supervizjoni;

[3] tilqa’ r-raba talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentarja mensili ta’ mija u hamsin lira [Lm150] rapprezentanti in kwantu ghal mitt lira [Lm100] manteniment ghaz-zewg minuri, u hamsin lira [Lm50] manteniment ghall-attrici;  pagabbli lill-attrici kull xahar bil-quddiem;

[4] tilqa’ r-raba talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut d-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap.16;

[5] tilqa’ l-hames  u t-tmien talbiet u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u konsistenti fl-assi fuq indikati, u [a] tassenja lill-attrici l-ghamara kollha li hemm fid-dar konjugali u li ghadha fil-pussess taghha, kif ukoll id-dritt esklussiv li din tkompli tabita maz-zewg uliedha fl-istess dar matrimonjali;  minn naha l-ohra pero’ hija tibqa’ responsabbli ghal nofs il-loan taghhom mal-HSBC;  [b] tassenja lill-konvenut ir-rikavat li huwa ppercepixxa mill-bejgh tat-television, tal-magna tal-capuccino u tal-karrozza Peugeot, u jkun responsabbli ghan-nofs l-iehor tal-loan mal-HSBC.

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba talba stante li ma rrizultatx mill-provi l-ezistenza ta’ hwejjeg tan-natura indikati fl-istess talba.

[7] In fine tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza odjerna.

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------